## Nru. 1186

## AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)

### Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali

BI QBIL mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li tirriżulta f'impatti ambjentali li li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtiġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan hu mingħajr preġudizzju għall-oġġezzjonijiet ambjentali pendenti li jappartienu għall-użu tal-art u l-wirt kulturali diskussi hawn taħt.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni kif ġie konkluż fil-valutazzjoni tal-proġett li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Riferenza: | PA02471/16 |
| Post: | Sit f' Ta' B'Xejn, iż-Żurrieq |
| Proposta: | Bini ta' razzett tal-fniek inkluż l-installazzjoni ta' pannelli PV u l-bini/ tiswija ta' ħajt tas-sejjieħ eżistenti. |

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fl-1 ta' Lulju, 2016, u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fil-31 ta' Awwissu, 2016.

## No. 1186

## ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY

### Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the outstanding environmental objections to the application pertaining to land use and cultural heritage as discussed below.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application as concluded in the project screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | PA02471/16 |
| Location: | Site at, Ta' B' Xejn, Żurrieq |
| Proposal: | Construction of a rabbit farm including the installation of pv panels and replace/repair existing dilapidated rubble wall. |

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to the Environment and Resources Authority on the 1st July, 2016, and the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on the 31st August, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc*** |
|---|---|
| Użu tal-art | Il-proliferazzjoni ta' żvilupp f'żona li mhix żviluppata ħafna, mhix fl-interess tal-konservazzjoni taż-żona rurali. Hemm wkoll kwistjoni li tirrigwarda l-ġustifikazzjoni għall-firxa ta' teħid tal-art għal-bini u *hard landscaping* (eż: fir-rigward tal-firxa tal-impenn tas-sit), u għalhekk jaffettwaw b'mod inkrementali l-impatt nett tal-iżvilupp. Madankollu, dawn huma l-aħjar indirizzati permezz tal-ipproċessar ambjentali kontinwu tal-każ. |

| | |
|---|---|
| *Land Use* | *The proliferation of development in an otherwise sparsely developed area is not in the conservation interests of the rural area. There are also issues regarding the justification for the extent of land take for built-up and hard-surfaced areas (e.g. the nature and extent of the site commitment), thus incrementally affecting the net impact of the development. However these concerns are best addressed through continued environmental processing of the case.* |
| Ħolqien ta' skart | L-iskart iġġenerat jista' jiġi mmaniġġjat mid-demmiela u numru ta' fosos li huma intrinsiċi għall-infrastruttura ta' razzett, kif huwa stabbilit mir-rekwiżiti tal-kodiċi ta' prattika tajba fil-biedja. Barra minn hekk, il-ġestjoni tal-iskart u l-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu mmaniġġjati permezz tal-proċess tal-*environmental permitting*, u għandhom jagħmlu użu ta' sistemi ta' ġestjoni tal-iskart stabbiliti. |
| *Waste generation* | *Waste management facilities including a manure clamp and a number of cesspits are intrinsic to farm infrastructure as established by the code of good agricultural practice requirements. Furthermore, waste management and mitigation measures should be managed through environmental permitting mechanism, also making use of established waste management systems.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja | Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u mit-tħaffir tas-sit. Madankollu, l-ebda impatt sinifikanti mhu mistenni minħabba d-daqs tal-iżvilupp. Ir-Regolamenti dwar L-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.09) għandhom jiġu osservati. Waqt l-operat, emissjonijiet oħra x'aktarx li jkunu insinifikanti. |
| *Impact on air quality* | *During construction, fugitive dust from site clearance and excavation is expected. However, no significant impact is envisaged given the scale of the proposed project. The Environmental Management Construction Site Regulations (Subsidiary Legislation 552.09) are required to be adhered to. During operation, additional emissions are likely to be insignificant.* |
| Storbju u vibrazzjonijiet | L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jkunu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Waqt il-fażi tal-operat, l-istorbju u l-vibrazzjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sostanzjali. Barra minn hekk, ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni, (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.09) għandhom jiġu osservati. |
| *Noise and vibrations* | *Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations are not expected to be substantial. Furthermore, the Environmental Management Construction Site Regulations (Subsidiary Legislation 552.09) are required to be adhered to.* |
| Kwalità tal-Ilma | Is-sit jinsab ftit 'il barra mill-limiti ta' *groundwater safeguard zone*. Id-drenaġġ ta' ilma mhux iffiltrat jew mhux trattat minn art impermeabbli għal ġewwa sistema ta' fosos immaniġġjata se jnaqqas ir-riskji potenzjali ta' kontaminazzjoni tal-ambjent tal-madwar. Ġestjoni tal-iskart u l-miżuri ta' mitigazzjoni għandhom jiġu valutati u ġestiti permezz tal-ipproċessar ambjentali kontinwu tal-każ, u permezz tal-proċess tal-*environmental permitting*. |
| *Water Quality* | *The site lies just outside the limits of the groundwater safeguard zone. The drainage of unfiltered or untreated water runoff from impermeable floors into a managed system of cesspits will reduce the potential risk of contamination of the surrounding environment. Waste management and mitigation measures will be assessed and managed through continued environmental assessment of the case, and the environmental permitting mechanism.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

It-28 ta' Ottubru, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

28th October, 2016